Helsien mill-Arrest

Detenzjoni - Art 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni Ewropea

Rimedju - Art 5(5) tal-Konvenzjoni Ewropea

"Reasonable Suspicion" - "Suspett Ragjonevoli"

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

**(Sede Kostituzzjonali)**

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru 2018**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 28/2018/LSO**

**Jeremy James Farrugia ID558384 M**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-istess Jeremy James Farrugia ID558384M ghal rimedju datat 20 ta' Marzu 2018 fejn espona :

Illi huwa kien inzamm arrestat in konnessjoni ma' proceduri kriminali mill-bidu taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sakemm intemmu fl-24 ta' Jannar 2008.

Illi s-sentenza finali li minnha ma kienx hemm appell tal-24 ta' Jannar 2008, illiberatu mill-imputazzjonijiet kollha u dan meta huwa ghadda perjodu minn Novembru 2006 sal-24 ta' Jannar 2008 arrestat, minghajr il-liberta` provizorja u minkejja illi huwa talab diversi drabi.

Illi d-detenzjoni tieghu ghal dak il-perjodu kienet tmur kontra l-Artiklu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ghaliex iktar ma beda jghaddi z-zmien aktar l-istess fatti illi fuqhom strahet il-Qorti biex tghid illi ma kienx hemm provi, lanqas kien hemm provi bizzejjed biex jibqa' jissussisti d-dubju ragonevoli illi fuqu kien jiggustifika l-arrest.

Illi anke kieku kien hemm jew jippersisti s-suspett ragonevoli, it-tul ta' zmien ma kienx gustifikat.

L-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza Mikalauskas v. Malta deciza mill-Qorti Ewropea fit-23 ta' Lulju 2013. Fil-kaz Mikalauskas, l-imputat kien mizmum biss ghal ghaxar

xhur u nofs meta kien qieghed jigi akkuzat bi traffikar ta' droga li ghandu piena massima ta' ghomru l-habs.

L-akkuzi li bihom Jeremy James Farrugia kien akkuzat ma jwasslux ghal tali piena u konsegwentement m'hemm l-ebda proporzjon.

Ma jistax issa jinghad li ghal maghmul m'hemmx kunsill. Jeremy James Farrugia b'sentenza moghtija sussegwentement inghata piena ta' tmien snin habs li ghadu qieghed jiskonta. Minkejja li fil-fazi tal-appell l-Imhallef kien qal illi marbut li jara jekk il-piena inflitta kinetx fil-parametri tal-ligi ghalkemm jista' jkollu certu riservi dwar li s-sentenza kienet iebsa zzejjed.

Il-fatt jibqa' illi fil-perjodu in kwistjoni l-istess Jeremy James Farrugia kien qiegned minghajr liberta` kif jirrizulta ghal xejn b'xejn. Illi huwa maghruf li m'hemmx preskrizzjoni ghad-dritt tieghu li jfittex ghall-vjolazzjoni li kellu taht l-Artiklu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea. In-nuqqas ta' liberta` jithallas biss bil-liberta`.

Jekk wiehed ukoll isegwi r-ragunament tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kas Mikalauskas, specjalment fil-paragrafi li jibdew minn 115 tal-imsemmija sentenza 'l quddiem, iwassal illi kellu sitwazzjoni gravuza u l-uniku mod kien li jinghata l-helsien mill-arrest.

La dan ma nghatax dak il-perjodu li ghamel m'ghandux ikun ghamlu inutilment. L-esponenti fuq l-istess fatti jqanqal

il-kwistjoni tal-vjolazzjoni tal-Artiklu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea u dan ghall-istess ragunijiet migjuba hawn fuq ghax huwa ma kellux l-opportunita' illi jkollu rimedju effettiv ghall-helsien mill-arrest kif inghad.

Illi l-esponenti finalment ghandu nteress illi jsarraf dak il-perjodu li ghamel fil-habs mal-piena li qieghed jiskonta halli jkun hallas lill-istat b'dik il-liberta' li l-istess stat hadlu inutilment ghaliex fil-fatt huwa jispicca is-sentenza karcerarja tieghu fl-1 ta' Jannar 2020.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett din l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1 Tiddikjara li fil-konfront tieghu kien hemm vjolazzjoni tal-Artiklu 5(3) u 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Konsegwentement taz-zmien li ghamel arrestat inutilment meta huwa gie Iliberat minn fuq akkuzi li ma kienux jissussistu u dan kif fuq spjegat billi l-istess perjodu t'arrest preventiv fuq kawza li ma kienx hati taghha, jigi b'ordni ta' din il-Qorti nfisser illi ghandu jitnaqqas mill-piena karcerarja li attwalment qieghed jirrispondi ghaliha llum.

3. Taghti lir-rikorrenti kull rimedju iehor effettiv inkluz kumpens ghad-danni morali sofferti.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta’ April 2018.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 10 ta' April 2018 a fol 7 tal-process fejn espona :

Illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda *in toto* fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *ai termini* tal-Artikolu 5(3) u 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

1. Illi r-rikorrent huwa nkorrett meta qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li kien hemm vjolazzjoni fil-konfront tiegħu tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni. Dan l-artikolu jagħti fakulta' lir-rikorrent sabiex jiftaħ proċeduri biex il-legalita' *o meno* tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti. Minħabba f'hekk, din it-talba għandha tiġi mħassra;

2. Illi l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jirrigwarda d-dritt fundamentali tal-Bniedem għal-Liberta' u għas-Sigurta'. Minkejja li r-regola ġenerali hija li ħadd ma għandu jiġi mċaħħad mil-liberta' tiegħu, dan l-artikolu li qed jikkwota r-rikorrent stess jagħti numru ta' eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju ġenerali u fosthom hemm imniżżel tassattivament dan li ġej:

"...(ċ) *l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita` legali*

*kompetenti fuq **<u>suspett raġonevoli</u>** li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus **<u>raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat</u>***;...” (Enfasi miżjud).

3. Qabel ma’ wieħed jittanta jiftaħ azzjoni ta’ kumpens, bħalma hija din, ir-rikorrenti jrid jimxi skont l-artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni li jipprovdi li dritt għal kumpens ikun esegwibbli biss jekk jirriżulta li d-detenzjoni tkun saret bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Sakemm dan ma jirriżultax, ir-rikorrent m’għandux dritt għal kumpens;

4. Minn studju tal-proċess irriżulta li ċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ kienu ċertament iwasslu għal <u>suspett raġonevoli</u> min-naħa tal-Pulizija għaliex meta wieħed jixtarr l-isfond tar-rikorrent, bniedem raġonevoli jasal li jqis li kien hemm raġuni tajba sabiex ir-rikorrenti jiġi miżmum taħt detenzjoni. Kif intqal fid-deċiżjoni <u>Joseph Attard vs Kummissarju tal-Pulizija</u>, deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta’ Lulju 1998:

“*Suspett ragonevoli jista` jkun bazat fuq cirkostanzi li jkunu inammissibbli bhala prova, bhal per ezempju, hearsay, jew fuq l-antecedenti penali ta’ dak li jkun. Jista` jkun bazat fuq drawwiet jew abitudnijiet tan-nies, jew ta’ xi kategorija ta’ nies, jew ta’ xi post partikolari. Kif jinghad, kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz*.”

5. Ġie mgħallem mill-Qorti Ewropea li ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal suspett raġonevoli huma:

*"... facts or information which would satisfy an objective observer that the person concerned may have committed the offence ... The arresting person does not need to be certain that an offence has in fact been committed."* (Fax, Campbell u Hartley vs Ir-Renju Unit (1990));

6. Għal kull buon fini, tajjeb li din il-Qorti tkun mgħarrfa wkoll bil-fatt li r-rikorrenti magħruf sew mal-Pulizija u minkejja l-età tiegħu, ilu żmien twil ixellef difru mal-Ġustizzja. Difatti, minn tfittxija sempliċi fuq is-sit elettroniku tal-Qorti ħareġ li hemm mal-għoxrin sentenza ta' natura kriminali li nfetħu kontra r-rikorrent bl-ewwel waħda datata 3 ta' Lulju 2001 u bl-iktar waħda riċenti ġġib id-data tas-17 ta' Ottubru 2014. Fil-fatt fil-kumpilazzjoni numru 576/2000 deċiża nhar id-9 ta' Mejju 2002, meta r-rikorrent kien għadu ta' 15-il sena, flimkien ma' ħuh Neil Carl Farrugia, instabu ħatja ta' serq ta' deheb. Anki f'dak il-każ, minkejja l-eta' tant tenera ta' ħmistax-il sena, ir-rikorrenti kien reċediv. Magħdud ma' dan, mill-estratt tal-att tal-akkuża li ressaq lir-rikorrent il-Qorti, naraw kif ir-rikorrenti :

- *"irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li hu gie misjub hati ta' diversi reati b'diversi sentenzi moghtija mill-qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;*

- *..kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi ta' prigunerija sospizi datati d-19 ta' Jannar 2004 u t-28 ta' Jannar 2005 rispettivament;*
- *kiser ordni ta' probation ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata 19 ta' Jannar, 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel."*

7. Illi stabbilit il-fatt li l-arrest kien imsawwab fuq suspett raġonevoli, it-tappa li jmiss hija dik li naraw jekk il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni kinitx ġustifikata u permissibbli skont l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni;

8. L-artikolu 5(3) jippreskrivi li l-arrestat jew detenut għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat bil-liġi u fil-fatt, l-għada tal-arrest, jiġifieri nhar l-1 ta' Diċembru 2006, ir-rikorrent deher quddiem il-Maġistrat Dr Miriam Hayman. Barra minn hekk jidher li l-proċeduri mxew b'ċertu ħeffa u ma kien hemm l-ebda dewmien żejjed u dan *in linea* ma' dak li jipprovdi dan l-istess artikolu;

9. Fil-perijodu li fih ir-rikorrenti kien arrestat, jiġifieri, bejn it-30 ta' Novembru 2006 u l-24 ta' Jannar 2008 (id-data tas-sentenza), ir-rikorrent talab darbtejn għall-ħelsien mill-arrest jiġifieri fit-22 ta' Marzu 2007 u fil-15 ta' Novembru 2007. L-Avukat Ġenerali fir-risposti tiegħu għal dawn iż-żewġ rikorsi dejjem mexa b'għaqal u kiteb *in succinct* li r-rikors tar-rikorrenti m'għandux jintlaqa' minħabba;

- in-natura tar-reati u l-atti proċesswali miġbura,
- il-possibilita' ta' ripetizzjoni ta' reati mill-istess rikorrent,
- il-possibilita' ta' intralċ tal-provi li għad iridu jitressqu,
- il-kondotta refrettarja tar-rikorrent;
- in-nuqqas ta' affidabbilta' tiegħu li josserva l-artikolu 575(1)(a) sa (e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Kienet imbagħad il-Qorti stess li qablet mas-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali u ċaħdet ir-rikors tar-rikorrenti. Skont **l-artikolu 575** tal-Kap. 9:

"...*il-qorti tista' tagħti ħelsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura u l-gravità tar-reat, il-karattru, anteċedenti, assoċjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunità tal-imputat, kif ukoll kull ħaġa oħra li tkun tidher li hi rilevanti, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-imputat jekk jiġi meħlus mill-arrest –*
*(a) jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew*
*(b) jinħeba jew jitlaq minn Malta; jew*
*(ċ) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet tagħha li bih jingħata l-ħelsien; jew*
*(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra; jew*
*(e) jikkommetti xi reat ieħor*."

11. Il-Qorti jidher li ma kinitx sodisfatta li jekk l-akkużat jinħeles mill-arrest, il-perikli msemmija fil-paragrafu

preċedenti ma jirriżultawx. Din in-nuqqas ta' affidabbilta' hija evidenti għaliex, apparti dak li ssemma' iktar 'il fuq, mhux l-ewwel darba li r-rikorrenti pprova jaħrab minn Malta, darba minnhom saħansitra bil-karta tal-identità ta' ħuh[1].

12. Każistika tal-Konvenzjoni Ewropea żviluppat 4 raġunijiet aċċettabbli sabiex il-ħelsien mill-arrest ma jingħatax:

a) ir-riskju li l-akkużat ma jidhirx quddiem il-Qorti;
b) ir-riskju li jekk l-akkużat jinħeles jieħu xi azzjoni li tippreġudika l-amministrazzjoni tal-ġustizzja,
ċ) jikkommetti reati oħra jew
d) jikkawża disordni pubbliku (Ara: Tiron v. Romania, § 37; Smirnova v. Russia, § 59; Piruzyan v. Armenia, § 94);

13. Illi jidher li meta l-Qorti qieset iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, fl-għerf tagħha rat li ma kienx hemm lok għall-ħelsien mill-arrest għaliex fid-dawl tal-kondotta refrettorja tar-rikorrent, jidher li r-riskji elenkati kienu tassew attwali. Il-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrent żgur li ma kinitx deċiżjoni kappriċċjuża tenut kont, ***inter alia***, tar-reat li bih kien mixli r-rikorrent, in-numru ta' reati li huwa kien diġa' wettaq qabel dan il-każ u għalhekk ir-riskju li jwettaq reati oħra (kif fil-fatt ġara u bħalissa qed jiskonta sentenza l-ħabs) u r-riskju kbir li kien hemm li r-rikorrent jipprova

[1] http://www.independent.com.mt/articles/2010-09-15/local-news/Court:-Jailed-For-attempting-to-leave-Malta-with-brother%E2%80%99s-ID-card-280215; Ara f'dan ir-rigward: Il-Pulizija (Sp Keith Arnaud u Sp Joseph Mercieca) vs Jeremy James Farrugia, datat 14 ta' Settembru 2010 u deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

jaħrab mill-pajjiż u b'hekk jevita l-proċeduri kriminali. Kwindi l-Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li ma taċċedix għat-talba tar-rikorrent;

14. Illi fid-dawl ta' dak li ġie espost fuq u minħabba li l-proċeduri mertu ta' din il-kawża huma <u>separati u distinti</u> mill-proċeduri li wasslu għas-sentenza li r-rikorrenti qed jiskonta preżentament, żgur li ma hemmx lok għal tnaqqis mill-piena karċerarja li attwalment qed jirrispondi għaliha r-rikorrent;

15. Għalhekk, dak li ntqal sa issa għandu jidderieġi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrent ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni msemmija;

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Jeremy James Farrugia datata 28 ta' Mejju 2018 a fol 21 tal-process

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-Avukat Generali datata 28 ta' Gunju 2018 a fol 29 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti inkluz dak tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr Joseph Brincat. Dehret Dr Fiorella Fenech Vella ghall-intimati. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrent qed jilmenta li d-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti permezz tal-artikolu 5(3) u 5(4) tal-**Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** ('il quddiem imsejjah 'Il-Konvenzjoni') (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta). Essenzjalment qed jilmenta li z-zamma tieghu taht arrest ma kienx gustifikat jew ragjonevoli. Huwa gie eventwalment liberat mill-akkuzi minhabba insufficjenza ta' provi. Bhala rimedju, billi attwalment qed jiskonta sentenza ohra ta' habs, qed jitlob primarjament li z-zmien li skonta taht arrest preventiv fuq akkuzi li ma kienux jissussistu kontrih jigu mnaqqsa mill-piena attwali tieghu.

Illi l-Avukat Generali oppona ghat-talbiet ghar-ragunijiet dedotti fir-Risposta tieghu. Gie sostnut li skont l-artikolu

5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea jaghti fakolta` lir-rikorrent biex jiftah proceduri sabiex il-Qorti tiddeciedi dwar il-legalita` *o meno* tad-detenzjoni, b'hekk it-talba kif dedotta hi inkorretta. Inoltre`, id-dritt tar-rikorrent ghar-rimedju jkun esegwibbli biss jekk jirrizulta li d-detenzjoni tkun saret bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan *ai termini* tal-artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni. Gie eccepit li l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jammetti numru ta' eccezzjonijiet ghall-principju generali, li huma tassattivi, fosthom, li ma jkunx hemm lezjoni jekk id-detenzjoni tkun fuq suspett ragonevoli. Fil-kaz tar-rikorrent, inghad li minn analizi tal-process, jirrizulta li kien hemm suspett ragonevoli min-naha tal-Pulziija, liema suspett kien ukoll sostanzjat b'numri ta' proceduri ta' natura kriminali li nfethu kontra r-rikorrenti, li kien ukoll recediv. Gie eccepit ukoll fir-risposta, li jrid jigi analizzat ukoll jekk id-detenzjoni kinitx gustifikata u permissibbli abbazi tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, billi meta wara l-arrest, id-detentur ingieb immedjatament quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-Avukat Generali kien kawt fir-ragunijiet li ta ghaliex il-helsien mill-arrest ma kellux jintlaqa` tant li l-Qorti kienet qablet mas-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali skont l-artikolu 575 tal-Kap 9. Gew rilevati wkoll l-erba' ragunijiet sabiex ma jinghatax il-helsien mill-arrest skont il-kazistika tal-Konvenzjoni Ewropea. Gie sottomess ukoll, li l-proceduri mertu ta' dan il-kaz huma separati u distinti mill-proceduri li wasslu ghas-sentenza li r-rikorrenti qed jiskonta, b'hekk m'hemmx lok ghal tnaqqis ta' piena karcerarja.

**<u>Fatti:</u>**

Jirrizulta mill-atti li r-rikorrent tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ewwel ta' Dicembru 2006 akkuzat b'*hold up* fil-fergha tal-Maltapost p.l.c. f'Telghet G'Mangia, Pieta fis-27 ta' Novembru 2006, b'sekwestru tal-persuna u b'serq ta' vettura fost ohrajn.

Jirrizulta li r-rikorrent kien inzamm arrestat in konnessjoni ma' proceduri kriminali sakemm intemm il-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fl-24 ta' Jannar 2008. Jirrizulta mill-atti processwali allegati li kien ipprezenta rikors ghall-helsien mill-arrest f'zewg okkazjonijiet, izda dan ma nghatax sakemm inqata' l-kaz. Meta l-kaz gie deciz b'sentenza finali datata 24 ta' Jannar 2008 mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Michael Kavanagh u Jeremy James Farrugia**, (esebita a fol 15 *et sequens* tal-process) gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha *stante* nuqqas ta' prova.

Illi r-rikorrent fil-kaz in ezami qed jilmenta li f'dak il-perjodu ta' karcerazzjoni, gie mcahhad mil-liberta' ghal xejn ghaliex jirrizulta li eventwalment meta gie deciz il-kaz gie liberat. Izda minkejja dan, permezz ta' sentenza sussegwenti Jeremy James Farrugia gie kkundannat sentenza ta' tmien snin habs fuq akkuzi ohra, u t-terminu karcerarju tieghu jintemm fl-1 ta' Jannar 2020. Ghalhekk, hu qed jitlob li dak it-terminu taz-zmien li hu skonta b'arrest preventiv jitnaqqas mill-piena karcerarja li attwalment qed jiskonta.

Din il-Qorti fliet l-atti tal-proceduri kriminali. Ir-rikorrent ressaq talba ghall-helsien mill-arrest minnufih fl-ewwel udjenza, liema talba giet michuda billi kien ghad fadal xhieda pajzana li ma xehdux fl-inkjesta.

Imbaghad ipprezenta rikors iehor ghall-helsien mill-arrest fit-22 ta' Marzu 2007 [2]. Ghal din it-talba l-Avukat Generali oppona tenut kont:

(a) In-natura tar-reati addebitati lilu;
(b) fid-dawl tal-fatti processwali s'issa;
(c) il-possibilita' ta' ripetizzjoni ta' reati mill-istess Jeremy James Farrugia;
(d) Il-possibilita' ta' intralc ta' provi li ghad iridu jitressqu;
(e) il-karattru refrattarja tar-rikorrent.

B'digriet taghha tat-28 ta' Marzu 2007[3] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, wara li nnotat li z-zewg imputati mhumiex disposti f'dan l-istadju li jaghmlu programm ta' riabilitazzjoni, ssospendiet li taghti digriet finali dwar il-helsien mill-arrest. Ipprovdiet li tisma' x-xhieda kollha li fadal fid-differiment li jmiss u rrakkommandat lill-Avukat Generali sabiex flimkien mar-rinviju, jekk hekk jidhirlu, jinkludi l-artikoli.

Mill-ezami tal-atti tal-kaz quddiem il-Qorti Istruttorja jirrizulta li nzammu diversi seduti fejn instemghu bosta xhieda,

[2] Fol 357 tal-process Istruttorju.
[3] Ibid. a fol 360

pajzana kif ukoll ufficjali tal-pulizija u esperti forensici. Dawn il-provi ingabru *'a tamburo battente'*, minghajr dewmien u f'kull seduta instemghu numru konsiderevoli ta' xhieda. Ad ezempju fl-1 ta' Frar 2007 instemghu 18-il xhud, oltre xhieda forensici.

Illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi fl-20 ta' Novembru 2007.

Ir-rikorrent ressaq talba ohra ghall-helsien mill-arrest fil-15 ta' Novembru 2007[4] li ghalih oppona l-Avukat Generali. Fl-24 ta' Dicembru 2007 l-Avukat Generali ipprezenta nota bl-artikoli tal-akkuza. Ma jidhirx li dak ir-rikors gie degretat definittivament qabel ma nghatat is-sentenza finali mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Jannar 2008 (esebita a fol. 15 *et sequens* tal-process).

Illi f'din is-sentenza il-Qorti osservat:

"*Illi minn ezami tal-provi kontra l-imputat il-Qorti tafferma anke f'dan l-istadju bikri tas-sentenza li l-evidenza kontra taghhom hija tenwa wisq sabiex tinstab htija meta applikati l-principji probatorji mixhuta fuq il-prosekuzzjoni li ghandha tipprova l-htija 'l fuq minn kull dubbju ragjonevolli. Il-provi ghandhom jippruvaw l-akkuzi u b'kongetturi biss l-akkuzi ma jigux pruvati."* Il-Qorti kompliet tindirizza l-provi prodotti u sabet li "*Ghal din il-Qorti, dawn il-fatturi anke mehuda kumulattivament mhumiex sufficienti li jitnisslu certezza ragjonevoli tali li jikkollegaw lil hemm minn kull dubbju*

[4] Ibid a fol 460

*ragionevoli l-imputati mar-reat tas-serq mill-fergha tal-Maltapost - hemm il-probabilita'  izda s'hemm."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

DIk il-Qorti ghalhekk iddeciediet li ma ssibx  htija fl-imputati fuq nuqqas ta' provi sufficjenti u kwindi illiberathom mill-akkuzi dedotti kontra taghhom.

**Fedina Penali tar-Rikorrent**

Il-fedina penali tar-rikorrent hija esebita a fol 16 tal-process kriminali. Minn dan jirrizulta li r-rikorrent kien gja kiser dufrejgh mal-gustizzja ghal darba darbtejn in konnessjoni ma' reati ta' serq, u dan sa mis-sena 1999, u kien gja recidiv meta tressaq fuq l-akkuzi mertu ta' dawn il-proceduri.

Fis-sentenza tal- Qorti tal-Appell Kriminali kif ippresjeduta mill-On. Imhallef Joseph Galea Debono tal-14 ta' Ottubru 2003[5] rigwardanti il-kaz fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur J Saccu u Spettur J Bonello ) v Jeremy James Farrugia,* il-Qorti, fliet bir-reqqa l-fedina penali tal-appellant u ikkonstatat li apparti kazijiet ohra li ghad ghandu pendenti quddiem il-Qrati, gie misjub hati w sentenzjat ghall-reati serji ghal mill-inqas seba' darbiet. Ikkonkludiet li fid-dawl tal-kondotta refrattarja tieghu l-Ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata li tapplika l-piena karcerarja li applikat fil-konfront tieghu.

[5] Esebit *idem* a fol 405 *et seq*.

**KONSIDERAZZJONI TA' DRITT**

**L-Artiklu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta**) jiddisponi:

*"(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*
- (a) (b) *- omissis -*
*-(c) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;*
*- omissis -*
*(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri.*
*(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-liġi.*
*(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens."*

Ikkonsidrat li l-jedd ta' ħelsien minn żamma arbitrarja huwa jedd fundamentali tal-bniedem li jgħodd għal kulħadd[6]. Huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skont "*il-proċedura preskritta bil-liġi*". F'dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li "*the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law*"[7] u li ma jkunx wieħed imwettaq b'mod arbitrarju[8]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew huma l-eċċezzjonijiet waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha[9].

Illi kif gie ribadit fil-kaz **Buzadji v The Republic of Moldova**[10]

*"1. Article 5 of the Convention is, together with Articles 2, 3 and 4, in the first rank of the fundamental rights that protect the physical security of the individual (see, for example, its link with Articles 2 and 3 in disappearance cases such as* ***Kurt v. Turkey****, 25 May 1998, § 123, Reports of Judgments and Decisions 1998-III), and as such its*

[6] Q.E.D.B. (GC) **12.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Nada vs Svizzera*** (Applik. Nru. 10593/08) § 224
[7] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th. Edit, 2006), § 9.4.1, pġ. 463
[8] *Op. cit.* pġ. § 9.4.7 f'pġ 481
[9] Q.E.D.B. **1.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Giulia Manzoni vs Italja*** (Applik. Nru. 19218/91) § 25

[10] [GC], no. 23755/07, § 104, ECHR 2016 - 5 ta; Lulju 2016..

*importance is paramount. Its key purpose is to prevent arbitrary or unjustified deprivations of liberty (see, for example,* ***Lukanov v. Bulgaria****, 20 March 1997, § 41, Reports 1997-II;* ***Assanidze v. Georgia*** *[GC], no. 71503/01, § 171, ECHR 2004-II; and* ***Ilaşcu and Others v. Moldova and Russia*** *[GC], no. 48787/99, § 461, ECHR 2004-VII). Three strands of reasoning in particular may be identified as running through the Court's case-law: the exhaustive nature of the exceptions, which must be interpreted strictly (see* ***Ciulla v. Italy****, 22 February 1989, § 41, Series A no. 148) and which do not allow for the broad range of justifications under other provisions (Articles 8 to 11 of the Convention in particular); the repeated emphasis on the lawfulness of the detention, both procedural and substantive, requiring scrupulous adherence to the rule of law (see* ***Winterwerp v. the Netherlands****, 24 October 1979, § 39, Series A no. 33); and the importance of the promptness or speediness of the requisite judicial controls (under Article 5 §§ 3 and 4) (see* ***McKay v. the United Kingdom*** *[GC], no. 543/03, § 34, ECHR 2006-X)."*

Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warwick**[11] "*....the detention must properly be for one of the grounds covered by Article 5(1)(a)-(f) as interpreted by the Court*[12] *and the individual must be protected from arbitrariness."*

Imbaghad ikomplu:

[11] *Law of the European Convention on Human Rights* (3rd Ed. pp 301)
[12] Referenza ghall-Qorti Ewropea

*"The overarching principles (of art.5) can be summarised as follows:*

*(i) The detention has a basis, and is in conformity with the applicable domestic law; and*
*(ii) domestic law satisfies Convention standards as to the 'quality of the law' (it is sufficiently ascertainable and certain); and*
*(iii) the application of that domestic law is in conformity with the general principles of the Convention: the detention must properly be for one of the grounds covered by Article 5(1)(a)-(f) as interpreted by the Court[13] and the individual must be protected from arbitrariness."*

Illi l-kuncett ta' "suspett ragjonevoli" huwa centrali ghal dan l-artikolu konvenzjonali. Ic-cahda mil-liberta' hija gustifikata f'kaz ta' "suspett ragjonevoli" li dak li jkun wettaq jew sejjer iwettaq reat kriminali. Il-Konvenzjoni Ewropea tesigi ulterjorment li c-cahda ta' liberta' tkun u tibqa' mehtiega sabiex il-persuna akkuzata tingieb quddiem l-awtorita' legali kompetenti.

Fil-kaz **Fox, Campbell and Hartley v United Kingdom** gie ritenut [14]-

*"32. The "reasonableness" of the suspicion on which an arrest must be based forms an essential part of the safeguard against arbitrary arrest and detention which is*

[13] Referenza ghall-Qorti Ewropea
[14] QEBD - 30 August 1990, Series A No 182, p 16, § 32."

*laid down in Article 5 § 1 (c) (art. 5-1-c). The Court agrees with the Commission and the Government that having a "reasonable suspicion" presupposes the existence of facts or information which would satisfy an objective observer that the person concerned may have committed the offence. What may be regarded as "reasonable" will however depend upon all the circumstances."*

Ukoll kif intqal fil-ktieb "**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights**" ta' Van Dijk et (4th Edition, 2006 pagna 473):

*"The mere fact that a person detained on remand is later released under a judicial decision does not render the arrest unlawful with retroactive effect. Article 5(1)(c) requires only that there be a 'reasonable suspicion'. At the moment the arrest is made it need not yet be firmly established that an offence has actually been committed or what the precise nature of that offence is. The object of questioning during detention under subparagraph (c) is to further the investigation by way of confirming or dispelling the reason for arrest. Whether the mere continuation of suspicion suffices to warrant the prolongation of the detention on remand is covered not by the first but by the third paragraph of Article 5".*

Inoltre l-fatt li akkuzat jigi liberat minn kull akkuza jew l-akkuzi fil-konfront tieghu jigu rtirati, ma jeskludux is-suspett ragonevoli fil-mument li r-rikorrent gie arrestat. Kif qalet il-

Qorti Ewropea fil-kaz **O'Hara v United Kingdom**, deciza fis-16 ta' Ottubru, 2001:

*"34. The Court emphasises that the 'reasonableness' of the suspicion on which an arrest must be based forms an essential part of the safeguard against arbitrary arrest and detention laid down in Article 5 § 1 (c) of the Convention. This requires the existence of some facts or information which would satisfy an objective observer that the person concerned may have committed the offence, though what may be regarded as reasonable will depend on all the circumstances of the case (see* ***Fox, Campbell and Hartley v the United Kingdom,*** *judgement of 30 August 1990, Series A No 182, p 16, § 32)."*

Illi fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Roderick Gerada vs l-Avukat Generali** [15]et gie ribadit:

*"Illi l-kazijiet mahsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, hlief ghall-ewwel cirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx ghad hemm kundanna definittiva u fejn ir-ragunijiet mahsuba ghac-cahda tal-libertà tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" ghal xi ghan jew iehor marbut mal-ordni pubbliku. Ghalhekk inghad li dawk ic-cirkostanzi ghandhom jinghataw tifsira ristretta ghall-ahhar u m'ghandhom bl-ebda mod jitwessghu b'tigbid jew b'analogija, ghaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-principju li l-bniedem huwa meqjus innocenti sakemm ma jkunx instab hati, u kif ukoll tal-*

[15] Deciza fis-27 ta' Settembru 2012 (Rik. Nru. 33/11 JRM).

*principju konvenzjonali ewlieni li l-helsien tal-bniedem huwa prijorità;"*

Illi dwar suspett ragjonevoli dik il-Qorti tat is-segwenti definizzjoni:

*"Illi dan ifisser li huwa mehtieg li jkun hemm il-bidu ta' provi cari li jqanqlu f'dak li jkun konvinciment morali li hija l-persuna suspettata u mhux haddiehor li ghandu rabta mar-reat imwettaq."*

B'referenza ghall-artikolu 5(3), gie ribadit mill-Qorti Ewropea, fil-kaz citat *supra* ta' **Buzadji** li**:**

*"2. While paragraph 1 (c) of Article 5 sets out the grounds on which pre-trial detention may be permissible in the first place (see* ***De Jong, Baljet and Van den Brink v. the Netherlands,*** *22 May 1984, § 44, Series A no. 77), paragraph 3, which forms a whole with the former provision, lays down certain procedural guarantees, including the rule that detention pending trial must not exceed a reasonable time, thus regulating its length."*

"87 *According to the Court's established case-law under Article 5 § 3, the persistence of a reasonable suspicion is a condition* sine qua non *for the validity of the continued detention, but, after a certain lapse of time, it no longer suffices: the Court must then establish (1) whether other grounds cited by the judicial authorities continue to justify the deprivation of liberty and (2), where such grounds were*

*"relevant" and "sufficient", whether the national authorities displayed "special diligence" in the conduct of the proceedings (see, among many other authorities,* ***Letellier,*** *cited above, § 35, and* ***Idalov v. Russia [****GC], no. 5826/03, § 140, 22 May 2012). The Court has also held that justification for any period of detention, no matter how short, must be convincingly demonstrated by the authorities. When deciding whether a person should be released or detained, the authorities are obliged to consider alternative means of ensuring his or her appearance at trial (ibid.)."*

*"3. Justifications which have been deemed "relevant" and "sufficient" reasons (in addition to the existence of reasonable suspicion) in the Court's case-law, have included such grounds as the danger of absconding, the risk of pressure being brought to bear on witnesses or of evidence being tampered with, the risk of collusion, the risk of reoffending, the risk of causing public disorder and the need to protect the detainee (see, for instance,* ***Stögmüller v. Austria,*** *10 November 1969, § 15, Series A no. 9;* ***Wemhoff,*** *cited above, § 14; Tomasi, cited above, § 95;* ***Toth v. Austria****, 12 December 1991, § 70, Series A no. 224;* ***Letellier****, cited above, § 51; and* ***I.A. v. France,*** *23 September 1998, § 108, Reports of Judgments and Decisions 1998-VII)."*

*"4. The presumption is always in favour of release. As established in* ***Neumeister v. Austria*** *(judgment of 27 June 1968, Series A no. 8, p. 37, § 4), the second limb of*

*Article 5 § 3 – that is release pending trial – does not give the judicial authorities a choice between either bringing an accused to trial within a reasonable time or granting him provisional release pending trial. It is the provisional detention of the accused which must not be prolonged beyond a reasonable time (see **Wemhoff,** cited above, § 5); even if the duration of the preliminary investigation is not open to criticism, that of the detention must not exceed a reasonable time (see Stögmüller, cited above, § 5). Until conviction, he or she must be presumed innocent, and the purpose of the provision under consideration is essentially to require his or her provisional release once his or her continuing detention ceases to be reasonable (see **McKay,** cited above, § 41)."*

**APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINCIPJI GHALL-KAZ IN EZAMI**

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jigi precizat li fil-kaz odjern r-rikorrent mhuwiex qed jilmenta mil-legalita' jew mill- arbitrarjeta' tal-arrest. Hu jilmenta li d-detenzjoni tieghu ma baqghetx iktar gustifkabbli kif irrizulta manifest mis-sentenza finali tal-Qorti tal-Magistrati u li z-zmien ta' sentejn qabel ma inghatat is-sentenza kien wiehed eccessiv.

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Kevin Cassar li fis-17 ta' Novembru 2006, l-akkuzat flimkien mal-ko-akkuzat tieghu kienu qed jghidu diskors mal-hbieb taghhom li kienu ser jaghmlu *hold up* f'Ta Xbiex. Qal li l-Pulizija kienu ilhom qed

ifittxuhom minn dakinhar u marru diversi drabi fl-indirizzi maghrufa tar-residenza taghhom minghajr success. Sa fl-ahhar instabu fid-29 ta' Novembru 2006.

Mix-xhieda prodotta jirrizulta wkoll li r-rikorrent kien mar fic-Centru tad-Detox iktar kmieni dikinhar tal-*hold up.* Jidher, flimkien mal-ko-akkuzat tieghu, fuq il-filmat mehud mill-*cameras* tal-CCTV tac-Centru. Il-Pulizija esibew ukoll filmat tal-*hold up* fejn zewg persuni b'wicchom mghotti jidhru fil-filmat.

Flimkien mal-filmati, il-pulizija ressqu wkoll provi forensici dwar impronti digitali (li rrizultaw fin-negattiv), u impront ta' zarbun misjub fil-karrozza misruqa li dehret fuq ix-xena tar-reat mqabbel ma’ zarbun bit-tajn elevat mir-residenza ta' omm ir-rikorrent. L-espert forensiku kkonkluda li kien hemm xebh bejn l-impront taz-zarbun ma’ dik fil-vettura. Aparti dan, fil-fehma tal-Ispettur prosekutur, l-ilbies tar-rikorrent fil-filmat tad-Detox kien identiku ghall-ilbies tal-persuna maqbuda fuq il-CCTV tal-Maltapost. Il-Pulizija elevaw ukoll balaclava mir-residenza tar-rikorrent.

Dawn kienu l-konsistenza tal-provi migjuba kontra l-akkuzati.

Illi hekk wara li nghalaq il-kaz, kien car li l-provi prodotti kienu ghal kollox cirkostanzjali. Il-vittmi tal-*hold up* ma setghux jaghmlu identifikazzjoni pozittiva tal-akkuzati ghajr ghall-deskrizzjoni generali taz-zewg persuni li dahlu fuq il-post. Il-fotogrammi mehudin mill-filmat gewwa l-Maltapost

ma kienux cari bizzejjed biex iwasslu ghac-certezza li l-ilbies kien identiku ghal dak tar-rikorrent fic-Centru tad-Detox. Lanqas irrizultaw provi li jikkollegaw lill-imputati mal-vettura li ntuzat fis-serqa, u li dehret fuq il-*camera* ta' barra il-fergha tal-Maltapost.

Illi ghar-rigward taz-zarbun elevat, omm ir-rikorrent qalet lill-Pulizija li dan kien ta' bintha izda lanqas jirrizulta li l-Pulizija ghamlu imqar xi sforz biex jistabilixxu bic-certezza li z-zarbun kien tad-daqs tat-tifla ta' 13-il sena biex jikkonfermaw il-veracita' tad-dikjarazzjoni.

Illi kif gie ribadit fil-kaz ta' **Mckay v United Kingdom**[16]:

*"5. Article 5 § 3 as part of this framework of guarantees is structurally concerned with two separate matters: the early stages following an arrest when an individual is taken into the power of the authorities, and the period pending eventual trial before a criminal court during which the suspect may be detained or released with or without conditions. These two limbs confer distinct rights and are not on their face logically or temporally linked (see T.W. v. Malta [GC], no. 25644/94, § 49, 29 April 1999)"*

Is-sentenza tkompli:

*"6. Continued detention therefore can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which,*

[16] **Grand Chamber**3 ta' Ottubru 2006

*notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention (see, among other authorities, **Kudła v. Poland** [GC], no. 30210/96, §§ 110 et seq., ECHR 2000-XI).*

*7. The responsibility falls in the first place to the national judicial authorities to ensure that, in a given case, the pre-trial detention of an accused person does not exceed a reasonable time. To this end they must, paying due regard to the principle of the presumption of innocence, examine all the facts arguing for or against the existence of the above-mentioned demand of public interest justifying a departure from the rule in Article 5 and must set them out in their decisions on the applications for release. It is essentially on the basis of the reasons given in these decisions and of the established facts stated by the applicant in his appeals that the Court is called upon to decide whether or not there has been a violation of Article 5 § 3 (see, for example, **Weinsztal v. Poland**, no. 43748/98, § 50, 30 May 2006).*

*8. The persistence of reasonable suspicion that the person arrested has committed an offence is a condition sine qua non for the lawfulness of the continued detention, but with the lapse of time this no longer suffices and the Court must then establish whether the other grounds given by the judicial authorities continued to justify the deprivation of liberty. Where such grounds were "relevant" and "sufficient", the Court must also be satisfied that the*

*national authorities displayed "special diligence" in the conduct of the proceedings (see, among other authorities, Letellier v. France, 26 June 1991, § 35, Series A no. 207, and Yağcı and Sargın v. Turkey, 8 June 1995, § 50, Series A no. 319-A).*

*9. In sum, domestic courts are under an obligation to review the continued detention of persons pending trial with a view to ensuring release when circumstances no longer justify continued deprivation of liberty. For at least an initial period, the existence of reasonable suspicion may justify detention but there comes a time when this is no longer enough. As the question whether or not a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be assessed in each case according to its special features, there is no fixed time frame applicable to each case."*

Illi r-rikorrent jilmenta li l-perjodu ta' detenzjoni tieghu kien wiehed eccessiv, fejn lanqas kien baqa' imqar suspett ragjonevoli li kommetta r-reat. In sostenn tat-talbiet tieghu strah fuq is-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kawzi **Mikalauskas v Malta**[17] u **Kenneth Gafa v Malta**[18].

Gie sottomess li l-aktar ma ghadda z-zmien, iktar kien car li l-Pulizija ma kellhomx provi bizzejjed biex jiggustifikaw l-arrest tar-rikorrent. B'referenza ghall-kaz ta' Mikalauskas, fejn l-applikant kien inzamm detenut mis-sena 2009 sal-

[17] QEDB - 23 ta' Lulju 2013
[18] QEDB - 22 ta' Mejju 2018

2011[19] fuq akkuzi konnessi ma’ traffikar ta' droga, gie sottomess mill-avukat difensur tar-rikorrent li l-perjodu ta' sentejn taht zamma ta' arrest fil-kaz odjern kien wiehed eccessiv u sproporzjonat, tenut kont in-natura tal-akkuzi migjuba kontrih.

L-intimat, da parti tieghu, jishaq fuq il-kondotta refrattarja tar-rikorrent, u li d-detenzjoni hija gustifikabbli skont il-Konvenzjoni anke abbazi ta' biza li d-detenut jista' jikkommetti reat iehor, kif fil-fatt , hekk ghamel.

Ikkonsidrat li l-kaz odjern jipprezenta cirkostanzi partikolari in kwantu li l-provi migjuba kontrih fil-proceduri kriminali rrizultaw li kienu cirkostanzjali sa l-ahhar. Ma kienx hemm l-icken prova li tikkollegah max-xena tar-reat jew mal-vettura li intuzat mill-hallelin, kif, *del resto*, gie rikonoxxut fis-sentenza finali. Madanakollu din il-konkluzjoni kienet possibbli biss fl-ahhar stadji tal-proceduri wara li tressqu r-rapporti kollha forensici aparti li din il-Qorti mhiex Qorti ta' revizjoni fil-mertu. L-ahhar espert xehed fl-20 ta' Novembru 2007. Ix-xhieda tieghu kienet wahda rilevanti in kwantu qabbel l-impront taz-zarbun u sab li kien hemm "*xebh*" bejniethom.

Inoltre ghalkemm il-Magistrat illiberah, dan ghamlu minnhabba nuqqas ta' provi sal grad rikjest mill-ligi,filwaqt u fl-istess nifs, irritjena li kien hemm "probabilita'" li kien hu li kkommetta r-reat in mertu. Dan jaghti x'jifhem li fil-mohh il-

[19] 10 ta' Settembru 2009 - 7 ta' Lulju 2011.

gudikant, is-suspett ragjonevoli kien baqa' jissussisti sal-ahhar .

Illi kkonsidrat li sa dakinhar ir-rikorrent kien inzamm detenut ghall-sena fejn (effettivament minn Novembru 2006 sa' Novembru 2008), fejn, allura, id-dominanza tal-element ta' suspett ragjonevoli jcedi ghall-apprezzament tal-fattur taz-zmien tad-detenzjoni. Ghalhekk jokkorri li l-Qorti tezamina jekk, *stante* it-trapass ta' dan il-perjodu, ghadx kienx hemm cirkostanzi li ggustifikaw it-tkomplija tad-detenzjoni tieghu (*vide* ***Merabishvili v. Georgia*** [GC], § 222, u ***Buzadji v. the Republic of Moldova*** [GC], § 102).

Illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea stabbiliet erba' ragunijiet li jistghu jiggustifikaw iz-zamma ta' detenzjoni fit-termini tal-artikolu 5(3) u cioe`:

a) ir-riskju li l-akkużat ma jidhirx quddiem il-Qorti;
b) ir-riskju li jekk l-akkużat jinħeles jieħu xi azzjoni li tippreġudika l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;
ċ) li jikkommetti reati oħra; jew
d) li jikkawża disordni pubbliku (Ara: **Tiron v. Romania**, § 37; Smirnova v. Russia, § 59; **Piruzyan v. Armenia**, § 94);

Issa din il-Qorti ma sabet xejn fil-process li jista' jissolleva l-icken dubbju li l-Qorti mexxiet il-kaz b'dilgenza u b'heffa tenut kont in-numru konsiderevoli ta' xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni. Saret ukoll indagni forensika approfondita u rilevanti, u minghajr hela ta' zmien.

Ir-rikorrent jinjora l-element qawwi ta' interess pubbliku ezistenti fil-kaz tieghu, tenut kont li kien recidiv mhux ghal darba, darbtejn, imma gja kellu ben seba' sentenzi ta' kundanna fil-*curriculum* tieghu.[20] Ghalhekk *the fear of reoffending* kien wiehed reali.

Kif gie ritenut: "*The seriousness of a charge may lead the judicial authorities to place and leave a suspect in detention on remand in order to prevent any attempts to commit further offences. It is however necessary that the danger be a plausible one and the measure appropriate, in the light of the circumstances of the case and in particular the past history and the personality of the person concerned (**Clooth v. Belgium**, § 40);* u li "*Previous convictions could give a ground for a reasonable fear that the accused might commit a new offence." (**Selçuk v. Turkey**, § 34; **Matznetter v. Austria**, § 9).*

L-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent kienu jinvolvu *hold up* f'post accessibbli ghall-pubbliku, fid-dawl tax-xemx, b'uzu ta' arma aparti akkuzi ohra dwar serq ta' vettura u serq ta' oggetti ohra. Ma jistax jinghad li l-akkuzi ma kienux serji u allarmanti ghall-pubbliku in generali. Marbut ma’ dan hemm il-piz tal-kondotta refrattarja tieghu.

Ghaldaqstant ghal motivi premessi, din il-Qorti, wara li kkonsidrat li l-Qorti tal-Magistrati mexxiet il-kaz b'dilgenza u heffa, li l-biza' ta' ripetizzjoni ta' reati kienet wahda reali u

[20] *Vide* sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-On. Imhallef J. Galea Debono citat *ante* n.5.

accertabbli fil-konfront tar-rikorrent, li hu stess kien irrifjuta li jidhol fi programm ta' rijabilitazzjoni u b'hekk irrifjuta garanzija offruta mill-Qorti sabiex jinheles mill-arrest fi stadju bikri tal-proceduri, tqies li z-zamma tieghu f'detenzjoni kienet gustifikata u mhux lesiva tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.

**Ir-rikors tal-15 ta' Novembru 2007**

Illi r-rikorrent ipprezenta rikors ghall-helsien mill-arrest fil-15 ta' Novembru 2007. Dan ir-rikors gie pprezentat qabel ma inghalqu l-provi mill-prosekuzzjoni u jinsab esebit a fol 460 tal-atti tal-proceduri kriminali. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-Avukat Generali b'24 siegha ghar-risposta u l-Avukat Generali wiegeb billi oppona ghas-segwenti ragunijiet:

a) fid-dawl tal-atti processwali migbura s'issa;
b) il-possibilita' ta' ripetizzjoni ta' kommissjoni ta' reati ohra *stante* l-karattru refrattarja tieghu;
c) nonche' n-nuqqas ta' affidabilita' tieghu li josserva t-termini ta' l-artikolu 575(1)(a) sa (c).

Illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja baqghet ma dekretatx dan ir-rikors sakemm tat is-sentenza finali.

Ghall-kontrarju, l-ko-akkuzat, James Michael Kavanagh, ipprezenta talba simili fis-26 ta' Novembru 2007, allura wara li nghalqu l-provi. L-Avukat Generali ressaq in opposizzjoni l-istess ragunijiet.

Illi dan ir-rikors tressaq quddiem il-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-On. Imhallef Vincent Degaetano li appuntah ghas-smigh u, b'Digriet tat-30 ta' Novembru 2007, moghti dakinhar tas-smigh tar-rikors, il-Qorti cahdet it-talba wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza in partikolari, l-fedina penali tal-istess rikorrent. Inoltre stqarret li ma kenitx soddisfatta li jekk jinghata l-helisen mill-arrest ma jkunx hemm il-perikoli ravvisati fl-artikolu 575(1) (a) (b) (c) u e) tal-Kap 9.[21]

Illi frankament din il-Qorti hija preokkupata bil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ma hadet l-ebda decizjoni fuq it-talba maghmula mir-rikorrent. Huwa minnu li r-rikorrent ressaq din it-talba quddiem il-Qorti tal-Magistrati fi stadju meta, ftit wara, l-atti gew rinvijati. Izda dan kellu jsehh wara l-ahhar seduta, fl-20 ta' Novembru 2007 meta, allura l-Qorti kellha quddiemha l-kwadru kollu rilevanti ghall-kaz. Il-Qorti mhix esonerata milli tqajjem il-kwistjoni tal-arbitrarjeta' tad-detenzjoni *ex officio* u hekk kellha taghmel u kellha l-obbligu li taghti decizjoni fuq it-talba. B'hekk halliet lir-rikorrent in limbu u tefghet fuqu l-onere li jerga' jaghmel talba ohra, din id-darba, quddiem il-Qorti Kriminali.

---

21 ".....il-qorti tista` taghti helsien mill-arrest, biss jekk, wara li tikkunsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, in-natura u l-gravita` tar-reat, il-karattru, antecedenti, assocjazzjonijiet u rabtiet fil-kommunita tal-imputat, kif ukoll kull haga ohra li tkun tidher li hi rilevanti, tkun sodisfatta illi ma hemmx perikolu illi l-imputat jekk jigi mehlus mill-arrest –
(a) jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew
(b) jinheba jew jitlaq minn Malta; jew
(c) ma josservax xi kondizzjoni li l-qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet taghha li bih jinghata l-helsien; jew
(d) jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b`xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra; jew
(e) jikkommetti xi reat iehor."

Qorti hija obbligata li tiddeciedi talba simili minghajr dewmien, u li taghti ragunijiet ghad-decizjoni taghha. F'dan il-kaz ma sarx hekk billi l-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-ahhar ta' Jannar 2008. Inoltre, huwa evidenti mill-apprezzament tal-gurisprudenza fuq citata, li l-ezistenza ta' suspett ragjonevoli hija *sine qua non* ghal-legalita' tad-detenzjoni. Jekk dan jisvanixxi, ma jibqax raguni ghaz-zamma tal-akkuzat f'detenzjoni u l-Qorti hija obbligata li tordna l-helsien mill-arrest , b'garanziji idonei biex jisguraw li l-akkuzat jobdi l-ordnijiet taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti ssib li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrent limitatament ghall-perjodu bejn l-15 ta' Novembru 2007 sal-24 ta' Jannar 2008 minhabba n-nuqqas tal-Qorti li taghti decizjoni fuq it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest f'stadju konklussiv tal-proceduri fejn kien car li l-provi ma setghux jiggustifikaw iktar li kien ghad hemm suspett ragjonevoli.**

**Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni.**

Illi din id-disposizzjoni tiggarantixxi l-jedd ghar-rimedju effettiv u espedjenti sabiex il-legalita' tad-detenzjoni u tal-kontinwita' tal-arrest tigi mistharrga bi speditezza kemm b'riferenza ghal-ligijiet ordinarji tal-pajjiz, kif ukoll fil-kwadru tal-garanziji konvenzjonali.

Bhala punt preliminari jigi sottolineat li r-revizjoni taht dan is-subartikolu huwa indipendenti u awtonomu minn revizjoni taht is-subartikolu 5(1) tal-Konvenzjoni.

Hekk kif gie ritenut fil kaz **Kolompar v Belgium**:[22]

"*45. The mere fact that the Court has found no breach of the requirements of paragraph 1 of Article 5 (art. 5-1) does not mean that it is dispensed from carrying out a review of compliance with paragraph 4 (art. 5-4); the two paragraphs are separate provisions and observance of the former does not necessarily entail observance of the latter (see for example the De Wilde, Ooms and Versyp v. Belgium judgment of 18 June 1971, Series A no. 12, pp. 39-40, para. 73). Moreover, the Court has consistently stressed the importance of Article 5 para. 4 (art. 5-4), in particular in extradition cases (see the Sanchez-Reisse v. Switzerland judgment of 21 October 1986, Series A no. 107, pp. 16-22, paras. 42-61).*"

Bhala principju generali **l-artikolu 5(4)** jirrikjedi li:

*"10. Under Article 5 § 4, an arrested or detained person is entitled to bring proceedings for a review by a court bearing upon the procedural and substantive conditions which are essential for the "lawfulness" of his or her detention (see Amie and Others v. Bulgaria, no. 58149/08, § 80, 12 February 2013). The notion of "lawfulness" under Article 5 § 4 of the Convention has the same meaning as in*

[22] Grand Chamber - 24 ta' Settebru 1992 (App *no. 11613/85)*

*Article 5 § 1, so that the arrested or detained person is entitled to a review of the "lawfulness" of his detention in the light not only of the requirements of domestic law, but also of the Convention, the general principles embodied therein and the aim of the restrictions permitted by Article 5 § 1 (see* ***E. v. Norway****, 29 August 1990, § 50, Series A no. 181, and* ***Louled Massoud v. Malta****, no. 24340/08, § 39, 27 July 2010; and* ***Rahmani and Dineva v. Bulgaria****, no. 20116/08, § 75, 10 May 2012). Article 5 § 4 does not guarantee a right to judicial review of such breadth as to empower the court, on all aspects of the case including questions of pure expediency, to substitute its own discretion for that of the decision-making authority. The review should, however, be wide enough to bear on those conditions which are essential for the lawful detention of a person according to Article 5 § 1 (see S.D. v. Greece, no. 53541/07, § 72, 11 June 2009; and Popov v. France, nos. 39472/07 and 39474/07, § 94, 19 January 2012)."*

Ir-rikorrent jippremetti fir-rikors li fuq l-istess fatti qieghed jqanqal il-kwistjoni tal-vjolazzjoni tal-Artiklu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea u dan ghall-istess ragunijiet migjuba hawn fuq ghax huwa ma kellux l-opportunita' illi jkollu rimedju effettiv ghall-helsien mill-arrest kif inghad.

Illi skont l-**artikolu 412B tal-Kodici Kriminali** *"(1) Kull min ikun jinsab taħt arrest għal reat li dwaru jkun qed jiġi imputat jew akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li, f' kull stadju ieħor minbarra dak li jirreferi għalih l-artikolu*

*574A*[23]*, jallega li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu ma tkunx skont il-liġi, jista' f'kull waqt jagħmel rikors lill-qorti fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-arrest. Rikors bhal dak għandu jiġi appuntat għas-smigħ b'urġenza u flimkien mad-data tas-smigħ għandu jiġi notifikat fl-istess jum li jsir lill-Kummissarju tal-Pulizija jew, skont il-każ, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali, li jistgħu jippreżentaw risposta għalih sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigħ."*

Illi dan l-artikolu jaghti d-dritt lill-persuni li jinsabu taht arrest biex jimpunjaw il-legalita' tal-arrest taghhom u jottjenu r-rilaxx immedjat f'kaz li dan jigi ppruvat.

Illi l-legalita' tad-detenzjoni hija ezaminata skont il-kriterji stabbiliti fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni. Dan ifisser li

"*The requirement of lawfulness is not satisfied merely by compliance with the relevant domestic law; domestic law must itself be in conformity with the Convention, including the general principles expressed or implied in it*" (***Plesó v. Hungary***, § 59). Ukoll "*The general principles implied by the Convention to which the Article 5 § 1 case-law refers are the principle of the rule of law and, connected to the latter, that of legal certainty, the principle of proportionality and the principle of protection against arbitrariness which is, moreover, the very aim of Article 5 .*" (***Simons v. Belgium*** (dec.) § 32).

[23] Helsien mill-arrest b'garanzija.

Ikkonsidrat li l-artikolu 412B jistipula li t-talba ssir meta l-akkuzat jallega li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu *"ma tkunx skont il-liġi."* Taccenna ghall-kwistjoni diskussa quddiem il-Qorti ta' Strasbourg dwar jekk dawn il-kliem jaghtu kompetenza lill-Qorti tal-Magistrati biex tinvesti ruhha b'kwistjonijiet konvenzjonali u mhux ta' ligi ordinarja. Hekk fil-kaz **ta' Mikalauskas** gie ribadit:

*"11. The Court notes that the relevant provision referred to applications for release from custody where it was claimed that continued detention was "not in accordance with the law". Reiterating that "lawfulness" of detention must be examined not only in the light of the requirements of domestic law, but also of the Convention, the Court reiterates that for the remedy invoked to be considered effective, it is crucial that the scope of the examination it provides covers also Convention compatibility. The Court observes that under Article 409A, cited by the Government as an available remedy (but which the Court found to be inapplicable to the applicant's case), the relevant courts entrusted with hearing applications under that Article had previously held that they were not competent to look into other circumstances which could render a person's detention unlawful, such as an incompatibility with the rights guaranteed by the Constitution or the Convention when there was a clear law authorising continued detention (see* ***Louled Massoud****, cited above, § 43)*[24]*.*

---

[24] F'Louled Massoud il-Gvern ikkonceda li "***Error! Main Document Only.***. *.... after the relevant law had been introduced in 2002, there had not been many decisions giving effect to or interpreting Article 409 of the Criminal Code. However, they acknowledged that the courts had, to date, established that if it was found that detention was authorised by law, they were precluded from examining constitutional issues in respect of that detention. This*

*It follows that the Court cannot ignore that the same interpretation may also have been adopted by the Court of Magistrates in relation to applications under Article 412B. Bearing in mind that the Court must assess the effectiveness of remedies not only in theory but also in practice (see* ***Zunic v. Slovenia****, (dec.) no. 24342/04, 18 October 2007), in the absence of any submissions in this regard by the Government, or any examples of the courts' interpretation and use of this provision to contradict the applicant's claim as to the limited scope of this remedy, the Court cannot, for the purposes of the present case, consider it a suitable course by which the lawfulness of the applicant's detention could be determined in the light of the Convention."*

Illi lif issottometta l-Avukat Generali ma jirrizultax li r-rikorrent utilizza d-dritt tieghu li jiftah proceduri biex jimpunja l-legalita' tad-detenzjoni tieghu. Illi izda, ir-rikorrent baqa' ma spjegax ghaliex ma utilizzax ir-rimedju tal-artikolu 412B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat li, b'referenza ghall-kazistika appena citata, hija din il-Qorti li fl-ahhar mill-ahhar hija vestita bil-kompetenza biex tiddetermina l-konvenzjonalita' tad-detenzjoni tar-rikorrent. Ghalhekk ma tistax tiskarta t-talba maghmula llum anke minhabba l-fatt li jissussisti d-dubbju jekk ir-rimedju ordinarju joffri rimedju effettiv abbazi ta' illegalita'

---

*was on the basis that there existed a specific remedy in this respect, namely one of a constitutional nature."*

skont il-Konvenzjoni. Dan qed jinghad limitatament ghar-revizjoni fuq bazi konvenzjonali. Revizjoni abbazi tal-esistenza *o meno* ta' suspett ragjonevoli tirrientra fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati billi tinvolvi kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti u provi u kwindi l-artikolu 412B jaghti rimedju effettiv li seta' gie tuilizzat mir-rikorrent jekk ried.

Il-Qorti taghmel referenza ghar-ragunijiet kollha moghtija *ante* fejn sabet lezjoni tal-artikou 5(3) tal-Konvenzjoni *stante* n-nuqqas tal-Qorti tal-Magistrati li taghti decizjoni (u wisq inqas *a reasoned decision)* fuq it-talba tieghu pprezentata fil-15 ta' Novembru 2007. F'dak l-istadju taqbel li kien hemm nuqqas ta' proporzjonalita' stante li l-Qorti kellha tordna l-helsien mill-arrest b'garanziji idonei li jisguraw fic-cirkostanzi li r-rikorrent jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija, jippresenta ruhu fid-data tas-sentenza u ma jikkommettix reati ohra.

**Issib ghalhekk li kien hemm ksur tal-garanziji procedurali imposti bl-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni billi tqies li d-detenzjoni tieghu mill-15 ta' Novembru 2007 sal-24 ta' Jannar 2008 kienet illegali.**

**RIMEDJU**

Illi r-rikorrent ressaq talba ghar-rimedju abbazi tal-artikou 5(5) tal-Konvenzjoni li jaghti lil kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 "*dritt esegwibbli għal kumpens."*

Huwa ppremetta fir-rikors li " *ghandu nteress illi jsarraf dak il-perjodu li ghamel fil-habs mal-piena li qieghed jiskonta halli jkun hallas lill-istat b'dik il-liberta' li l-istess stat hadlu inutilment ghaliex fil-fatt huwa jispicca is-sentenza karcerarja tieghu fl-1 ta' Jannar 2020."*

Illi l-intimat oggezzjona bil-qawwa ghal din it-talba senjatament *stante* li r-reati u l-kawzi relattivi huma separati u distinti.

Illi d-difensur tar-rikorrent ittratta dwar id-dritt ghar-*restitutio in integrum*, li fil-kaz tar-rikorrent, palesament ma jistax jigi attwat *ad litteram*.

Madanakollu huwa car li minn qari tat-test tal-artikolu 5(5), ir-rimedju konvenzjonali huwa wiehed limitat ghall-kumpens finanzjarju.

"*The right to compensation relates primarily to financial compensation. It does not confer a right to secure the detained person's release, which is covered by Article 5 § 4 of the Convention"* (**Bozano v. France**, *Commission decision); u "Crediting a period of pre-trial detention towards a penalty does not amount to compensation required by Article 5 § 5, because of its non-financial character "*(**Włoch v. Poland** (no. 2), § 32).

Illi ghal dak li jirrigwarda kumpens pekunjarju, tqies li r-rikorrent ma ressaqx provi dwar telf li seta' sofra, u ghalhekk it-talba tieghu hija biss wahda ipotetika.

Illi din il-Qorti taqbel li t-telf tal-liberta' ma jigix soddisfatt b'semplici dikjarazzjoni ta' ksur. Kulhadd ghandu d-dritt li jkun hieles, diment li l-Ligi, mghonija bil-kawteli u bil-garanziji kollha mehtiega f'pajjiz li jhaddan is-saltna tad-dritt, ma tiddettax mod iehor. Anke fil-kaz tar-rikorrent, dawk ix-xaharejn kienu zejda u arbitrarji.

Madanakollu jirrizulta car li r-rikorrent stess ma jaghti l-ebda importanza ghal-liberta' tieghu ghaliex ma damx milli jerga' jikkommetti reat iehor li waslitu sa gewwa l-habs ta' Kordin. Li kieku kien jaghti valur ghal-liberta' kien ikun aktar attent li ma jiksirx il-ligi. Certament rinfaccjata b'dan l-atteggjament spavald fil-konfront tal-ligi u tas-serhan pubbliku, din il-Qorti thoss li m'ghandha taghti l-ebda rimedju finanzjarju <u>tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tieghu</u>, il-perjodu relattivament qasir tad-detenzjoni, kif ukoll ir-rifjut tieghu li jidhol ghall-programm reformatorju meta saritlu l-istedina.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ser tillimita r-rimedju ghall-dikjarazzjoni ta' ksur.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali sa fejn huma kompatibbli ma’ din is-sentenza filwaqt li tilqa' l-ewwel talba billi ssib li kien hemm lezjoni fil-konfront tar-

rikorrent tal-artikoli 5(3) u 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali limitatament ghall-perjodu ta' detenzjoni skorrut mill-15 ta' Novembru 2007 sal-24 ta' Jannar 2008 ghall-motivi spjegati fis-sentenza.

Tichad it-tieni talba in kwantu li din hija inkompatibbli mal-artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni, filwaqt li tiddisponi mit-tielet talba limitatament ghad-dikjarazzjoni ta' lezjoni kif fuq premessa.

**Kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta’ Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta’ Novembru 2018**